MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 9/2007

**Francis Abela**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta’ Settembru, 2007, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tieghu nru. 88/07 u r-rikors tad-Dipartiment ghal rikonsiderazzjoni ta’ l-istess decizjoni.
>
> Ikkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-ammonti dikjarati u maqbula mill-appellant (li fuqhom biss jista’ joqghod ghad-decizjoni).

> Id-decizjonijiet jittiehdu dwar kaz partikolari u l-Arbitru hu tal-fehma li ma ghandux ibiddel l-isemmija decizjoni.**"**

L-appell tad-Direttur hu koncepit fis-sens li l-Arbitru ghamel interpretazzjoni zbaljata ta' l-Artikolu 73 abbinat mat-Taqsima V ta' l-Erbatax-il Skeda tal-Kapitolu 318 in kwantu l-ligi tirrikjedi b'mod inekwivoku li l-oghla dhul li ghandu jigi kunsidrat ghal finijiet ta' l-Allowance Supplimentari huwa ta' limitu massimu ta' erbat elef u mitejn lira (Lm4200). Fil-kuntest, l-appellanti jzid jissottometti illi fir-rigward l-Arbitru ma ghandu l-ebda poter diskrezzjonali;

Ghalkemm debitament notifikat, l-appellat ma wegibx ghal dan l-appell. S'intendi, dan ma jzommx lura lill-Qorti milli *marte proprio* tissolleva irregolaritajiet fl-appell jew fl-ammissibilita` tieghu jekk jinstab li dan ma giex validament propost fit-terminu statutorju;

L-*iter* li mill-atti jidher li gie segwit kien dan:-

(1) Permezz tad-decizjoni tieghu ta' l-4 ta' April, 2007 l-Arbitru laqa' l-appell devolut lilu mill-kontribwent ghall-Allowance Supplimentari u b'hekk issostitwixxa d-decizjoni tac-cahda mid-Direttur b'dik tieghu;

(2) Minn din id-decizjoni f'dak l-istadju ma gie introdott ebda appell izda permezz ta' ittra datata 23 ta' April, 2007 d-Direttur talab lill-Arbitru ghar-rikonsiderazzjoni mill-gdid tad-decizjoni u li jirrevoka l-istess. Skond id-Direttur din it-talba tieghu kienet ibbazata fuq id-dispost tat-tieni proviso tal-paragrafu 5 tat-Taqsima VIII intitolat "Supplementary Allowance";

(3) Fis-6 ta' Settembru, 2007 l-Arbitru ddispona minn din it-talba ghal rikonsiderazzjoni billi ddikjara li d-decizjoni minnu precedentement mehuda kienet riflessa

fil-fattezzi tal-kaz partikulari, bil-konsegwenza li hu ddeklina milli jvarja jew ibiddel dik id-decizjoni tieghu;

(4) Fil-31 ta’ Ottubru, 2007 id-Direttur introduca appell lil dina l-Qorti billi nqeda b’dan il-pronunzjament ta’ l-ahhar moghti mill-Arbitru izda in referenza ghad-decizjoni ta’ l-4 ta’ April, 2007;

Proceduralment hemm dawn ir-riljevi li jixraq li jsiru:-

(1) Skond l-Artikolu 109 tal-Kapitolu 318 appell minn decizjoni ta’ l-Arbitru jrid isir lil din il-Qorti “fi zmien tletin jum mill-gurnata meta d-decizjoni ta’ l-Arbitru tkun wasslet bil-miktub permezz ta’ posta registrata lil min jaghmel it-talba jew lill-beneficjarju jew lid-Direttur, skond il-kaz” (subinciz 2);

(2) Hemm imbaghad l-Artikolu 110 ta’ l-istess Kapitolu 318 li jipprovdi li “d-Direttur jew l-Arbitru, wara li jaghti xi decizjoni fuq xi talba jew kwistjoni jista’ jirrevedi dik id-decizjoni jekk ikun sodisfatt illi:-
(a) tkun inghatat, billi ma kienx maghruf xi fatt materjali jew illi d-decizjoni kienet bazata fuq zball dwar xi fatt materjali; jew
(b) mid-data tad-decizjoni sar xi tibdil rilevanti tac-cirkustanzi;
u jista’ jaghti decizjoni riveduta li tibda ssehh minn dik id-data li jista’ jiddeciedi”; Certament, il-fattispeci tal-kaz odjern ma kienux jiddependu, ghall-valutazzjoni adegwata taghhom, fuq l-ezitu ta’ dawk il-proceduri l-ohra;

Dan premess, gie sottomess mill-appellanti fid-dibattitu orali quddiem din il-Qorti illi t-talba maghmula minnu lill-Arbitru ghal rikonsiderazzjoni kienet artikolata fuq id-dispost ta’ l-Artikolu 110 appena riprodott. Jekk inhu hekk, ma jistax ma jigix notat illi minn imkien mil-ligi ma nsibu provvdut ghad-dritt ta’ appell minn decizjoni li tkun cahdet talba ghal revizjoni jew rikonsiderazzjoni ta’ decizjoni anterjuri. Ghal din ir-raguni biss din il-Qorti ma jidhrilhiex li hu proceduralment regolari li d-Direttur

jintroduci appell minn tali decizjoni, specjalment meta l-legislatur ma pprovdiex ghal dritt bhal dan;

Lanqas ma jidher, imbaghad, illi hu guridikament accettabbli illi s-sokkombenti, li ma jkunx ippropona appell mid-decizjoni fil-mertu u fiz-zmien utli, japprofitta ruhu mic-cahda tat-talba tieghu ghal rikonsiderazzjoni biex jintroduci appell ta’ impunjattiva ta’ dik l-istess decizjoni li tkun ghaddiet in gudikat. Kif jinsab deciz, u kif inhu anke pacifikament risaput, “meta sentenza tghaddi *in gudicato* u kwindi meta jew ma tkunx appellata jew ritrattata, jew meta, anki jekk appellata jew ritratta, tigi konfermata u mhux revokata … hija tigi vestita u mlibbsa virtwalment b’ karattru assolut ta’ veridicita` … Minn dan jitnissel li, darba li l-kawza tispicca irrevokabilment, m’hemmx rimedju legali aktar biex il-kontestazzjoni terga’ tigi miftuha, u mhux aktar lecitu li jigi mitlub, negat, jew fl-ahharnett miftuh mill-gdid, dibattitu dwar dak li jkun gie darba ghal dejjem definit. Mhux bizzejjed li jista’ jinghad li l-gudizzju seta’ kien forsi ingust, fis-sens assolut tal-kelma, sabiex dan il-principju jigi mhassar jew moderat, il-ghaliex la darba l-istess sentenza tkun saret irrevokabbli, hija ma tistax imbaghad titlef qatt aktar il-karattru taghha ta’ *res judicata*”. Ara “**Carmelo Cassar Parnis -vs- Gustavo Soler *nomine***”, Prim' Awla, Qorti Civili, 11 ta’ Marzu, 1949. Fl-istess sens huma s-sentenzi fl-ismijiet “**Leone Misrahi -vs- Giuseppe Cassar *et***”, Appell Inferjuri, 12 ta’ Lulju, 1965 u “**Caterina Gerada -vs- Av. Dr. Antonio Caruana**”, Appell Civili, 28 ta’ Gunju, 1973;

Ankorke kellu *gratia argomenti* jigi ritenut illi l-appell kien hekk ukoll prevvedibbli fil-parametri ta’ l-Artikolu 110, u li allura l-punt ta’ partenza tat-terminu ghall-prezentata ta’ l-appell kien jibda jiddekorri mid-“decizjoni riveduta” - kif hekk, ad ezempju, b’ analogija, jinghad fil-kaz ikkontemplat taht l-Artikolu 825 (a) tal-Kapitolu 12 ghal “sentenza kkorreguta” - fil-kaz prezenti dan ma huwiex hekk, anke ghaliex l-Arbitru ma bidel u ma rreveda xejn mis-sentenza anterjuri tieghu ta’ l-4 ta’ April, 2007;

Thares minn fejn thares lejh l-appell odjern ma jistax jitqies ritwalment propost. Suggeribilment, dak li messu fil-fehma tal-Qorti sar, kellu jkun il-prezentata ta' l-appell mis-sentenza moghtija fit-terminu preskritt, b' rikjesta lil din il-Qorti biex din tissoprassjedi sakemm tkun definita t-talba ta' rikonsiderazzjoni quddiem l-Arbitru.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddikjara *ex officio* l-appell bhala irritwali u null u bhala tali tirrespingih, bl-ispejjez kontra d-Direttur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------